MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 776/2005

**Simon Azzopardi**
**Vs**
**Philip D'Amato**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-atturi li talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), somma rapprezentanti prezz ta' bejgh u merkanzija, u parti minn somma akbar ghall-ghoggiela.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet tal-atturi huma infondati fill-fatt u fid-dritt stante illi l-prezz miftiehem kien gie mhallas kollu. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-konvenut Philip D'Amato li jispjega li madwar xi sena ilu kien xtara bejn hames jew sebgha

ghoggiela minghand l-attur u kienu ftehmu li l-prezz tal-bejgh kellu jkun dak ta' seba' mitt lira (Lm700).

Il-konvenut jispjega illi ma kienx ha l-ghoggiela mill-ewwel u lanqas hallsu dakinhar. Xi jumejn jew tlieta wara l-attur hadlu l-ghoggiela, ghamillu transfer u dak il-hin hallas, pero', jghid li l-attur m'ghamillux ricevuta.

It-transfer irid jigi ffirmata mill-venditur, mix-xerrej u mill-veterinarju u dan irid isir bilfors fil-kaz tal-bejgh ta' bhejjem.

Il-konvenut ighid li hu minn taht kien biegh il-bhejjem lill-haddiehor.

Il-konvenut ighid li ma kienx jiftakar jekk l-ghoggiela kellhom tlett gimghat, xahar, xahar u nofs jew erba' xhur, pero', jigu registrati mat-twelid jew meta jkun hemm, mil-bejgh taghhom.

Il-konvenut isostni li hu ma kienx mar bill-karti tat-transfer, izda kien l-attur li mar.

Ra x-xhieda ta' Mariosa Chircop li tghid li hi ma kienitx marret mal-konvenut u qaghadet tistennih id-dar. Pero' tikkonferma li kien hallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira , li kienu jikkonsistu f'pakkett wiehed ta' karti ta' ghaxar liri.

Ix-xhud ma kienitx f'posizzjoni li tghid kemm kienu damu ghandhom l-ghoggiela u lil min kienu bieghuhom.

Ra x-xhieda ta' Dr.Quentin Lawson, li jispjega li qabel ma jkun hemm moviment ta' bhima minn razzett ghal iehor, irid ikun hemm permess taghhom l-ewwel, li jissejjah *Livestock Movement Permit*. L-applikazzjoni tista' ssir minn min ikun ser jixtri jew anki minn min ikun ser ibiegh.

Ix-xhud jkompli jispjega illi ma jistax isir trasferiment qabel ma jigi ffirmat il-permess relattiv u dan il-permess huwa validu ghal sebat ijiem. Mal-permess ikun hemm ukoll rapport li jigi ffirmat mill-venditur u mix-xerrej.

Sabiex ssir konferma tat-trasferiment jehtieg li jmorru fir-razzett “at random,” u jaghmlu il-verifiki u jsir censiment tal-bhejjem.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega illi hu kien biegh l-ghoggiela lill-konvenut ghal prezz ta’ elf u seba’mija (Lm1700), li minnhom kien ghad fadal bilanc ta’ seba’ mitt lira (Lm700). Jispjega li hu ma setghax ta rcevuta lill-konvenut u dan ghaliex ma kienx thallas kollox u solitament johrog ircevuta meta l-kont jithallas kollu. Fil-fatt jinnega li l-konvenut hallas.

L-attur jkompli jispjega illi fil-kaz ta’ bhejjem, il-procedura tal-Gvern hija li dawn iridu jigu registrati mal-veterinjaru u jsir transfer minn hemm.

L-attur jkompli jispjega illi hu kien izomm ktieb tal-pagamenti, u ma kienux jiffirmaw minhabba rgulija.

Ix-xhud ighid li ma kienx hemm sensar fil-bejgh u ghalkemm il-konvenut kien jitla’ ghandu kuljum, qatt ma ffirma transfer, kien il-konvenut li iffirma.

L-attur isostni li disa’ ghoggiela ma jistghu qatt jiswew Lm700!

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra

Dan it-Tribunal ghandu jezamina f’dan il-kaz jekk verament thallasx l-ammont pretiz mill-attur. L-attur qed isostni li hemm bilanc ta’ seba’ mitt lira (Lm700), filwaqt li l-konvenut qed isostni li l-ammont shih kien ta’ seba’ mitt lira (Lm700) u dawn kienu thallsu kollha.

Il-partijiet lanqas biss jaqblu fuq l-ammont ta’ ghoggiela mibjugha lill-konvenut. L-attur jsostni li kien hemm xi disa’ ghoggiela li zgur ma kienux iqumu seba’ mitt lira Maltin (Lm700).

Il-konvenut ighid li kien hemm bejn hamsa u sitt ghoggiela.

Minkejja li m'hemmx qbil fuq dan il-punt, it-Tribunal ihoss li l-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili. It-Tribunal iqis li jekk prezz ta' ghogol jvarja minn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u mija u disghin lira (Lm190) – u ma hemmx provi kuntrarji ta' dan - u nxtraw disa' jew ghaxar ghoggiela b'kollox mill-konvenut, qatt ma jista' jkun li l-ammont totali kien jammonta ghal seba'mitt lira (Lm700), kif qed jallega l-konvenut. Fil-fehma tat-tribunal l-verzjoni tal-attur hija ferm aktar realistika minn dik tal-konvenut u ghalhekk hija aktar attendibbli u kredibbli. In oltre' l-istess attur ipprezenta document li jindika il-kont ta' bejgh ta' ghoggiela lill-konvenut. Fl-ebda hin, il-konvenut ma kkontesta dan il-kont jew gab xi provi kuntrarji ghal dak allegat fil-kontenut tieghu hlief li jippretendi li hallas l-prezz fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici , bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------